

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Diagnostiko kai Therapeftiko Kentro Athinon “Ygeia” hija kkundannata ġħall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Mejju 2011—
IIC — Intersport International vs UASI — McKenzie (McKENZIE)**

(Kawża T-502/07)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni
għat-trade mark Komunitarja figurattiva McKENZIE — Trade marks Komunitarji
figurattivi u verbali preċedenti McKinLEY — Raġuni relattiva għal rifjut —
Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar
l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja —
Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta’ trade mark
preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew
li jixxiebhu — Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-
Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 50-52)*

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-
15 ta’ Ottubru 2007 (Każ R 1425/2006-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn
The McKenzie Corporation Ltd u IIC — Intersport International Corp. GmbH.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	The McKenzie Corporation Ltd
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark Komunitarja figurattiva McKENZIE għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18, 25, 36 u 37 — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 2664423
Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	IIC — Intersport International Corp. GmbH
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal- oppożizzjoni:	Trade mark Komunitarja preċedenti MCKINLEY għal prodotti u servizzi fil- klassijiet 18, 20, 22, 25 u 28 u trade mark Komunitarja preċedenti MCKINLEY għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 12, 18, 20, 22, 25 u 28
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħha parzjalment
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi u reġistrazzjoni tat-trade mark awtorizzata

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) IIC — Intersport International Corp. GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.